**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 9 ta' Novembru 2023**

Rikors Numru: 461/23 AL

A sive A B C

vs

D B C

(M.R. Numru 1834/2007)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi, l-partijiet iżżewġu nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u sebgħa u tmenin 1987), gewwa Londra fir-Renju Unit u z-zwieg tagħhom ġie registrat mar-Registru Pubbliku ta' Malta fit-tmintax (18) ta' Settembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok A'

2. Illi, minn dan iż-żwieg twieldu tlett (3) itfal, senjatament E, li twieldet fil-ħamsa (5 ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija u disghin (1990); F li twieldet fl-ewwel (1 ta' Frar tas-sena elf disa' mija, erba' u disghin (1994), u G li twieled fit-tmienja (8) ta' Frar tas-sena elf disa' mija, sitta u disgħin (1996) illum huma kollha maggorenni.

3. Illi, l-partijiet ilhom legalment separati għal-perjodu ta iktar minn tnax (12) il-sena u dan sar permezz takuntratt ta' separazzjoni personali redatt minn Nutar Dottor Timothy Ellis datat nhar l-għoxrin (20) t'April tas-sena elfejn u ħdax (2011) kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok B, liema kuntratt ta' separazzjoni gie emendat permezz ta' korrezzjoni redatta minn Nutar Dottor Timothy Ellis datata nhar l-għaxra (10) t' April tas-sena elfejn u ħmistax (2015) kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. C'.

4. Illi, m'hemm l-ebda prospett ragonevoli, jew remot, għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom il-fuq minna tnax (12) il-sena ma jgħixu flimkien, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin, hekk kif anke qiegħed jigi dikjarat fl-affidavit tal-esponenti, hawn anness u mmarkat bħala Dok D’.

5. Illi, l-partijiet reciprokament irrinunzjaw għall-ħlas ta' manteniment mingħand xulxin u għalhekk il-partijiet m'għandhom l-ebda pretensjoni fil-konfront ta' xulxin inkluż ebda hlas ta' manteniment.

6. Illi, l-ulied E, F, G ilkoll għandhom l-fuq minn tlieta u għoxrin (23) sena u għalhekk m'għadx hemm manteniment dovut fil-konfront taghhom.

7. Illi, r-rikorrenti A sive A B C tixtieq tirriverti għal kunjom xbubitha u cioe “H”.

8. Illi, dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal- ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1) Tiddikjara li ż-żwieġ bejn il-partijiet iċċelebrat nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u sebgħa u tmenin (1987) huwa maħlul u għalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;

2) Tawtorizza lil A sive A B C sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha u ċioe "H";

3) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu iffissat minn din l-istess Onorabbli Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet sabiex dan jiġi registrat fir-Registru Pubbliku, kif ukoll li jagħmel id-debita korrezzjoni fiċ-ċertifikat taż-żwieġ;

Bl-ispejjeż kollha ikunu akkollati ugwalment bejn il-partijiet u bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa għas-subizzjoni

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tad-29 ta' Awwissu 2023;

Semgħet lill-intimat prezenti fl-awla, fuq domanda tal-qorti wiegeb li m'ghandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti talbet lill-Qorti biex tiġi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` H, il-Qorti qegħda tilqa` t-talba f'dan ir-rigward;

Il-Qorti rat illi r-rikorrenti rnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-20 t'April 2011;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha u cioe' "H" tidderiġi lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jieħu l-proċeduri kollha necessarji f'dan ir-rigward. Il-Qorti, qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.